# Il-LEĠĠENDA TAL-MADONNA TA' LIESSE

Victor J. Galea

A. IL-BIDU

## 1. L-Ospizju ta' San Ġwann, Ġerusalemm

Il-leġġenda tal-Madonna ta' Liesse teħodna l-Palestina, fl-1143, wara l-ewwel kruċjata, u mbagħad il-Kajr, l-Eġittu, f'idejn il-Kalif Xijita, minn fejn immorru qrib Laon, il-Pikardja, provinċja fil-Majjistral ta' Franza, illum id-dipartiment ta' Aisne. Tajjeb nibdew fl-isfond ta' din il-leġġenda.

Kien fis-sena 687 li Ġerusalemm waqgħet f'idejn il-Misilmin. Billi l-pellegrini kienu jħallu l-qliegħ għal xi żmien baqgħu jmorru hemm bħal qabel, basta jħallsu taxxa li kien ġiegħelhom iħallsu l-Kalif Għumar. L-Ewropej kienu bdew biex bnew knisja lill-Madonna qrib l-Ort ta' Ġetsemani li semmewha Santa Marija Latina.

Wara li kienet inbniet mill-ġdid, xi negozjanti minn Amalfi, li kienu ħbieb mal-kalif tal-Kajr, bnew sptar għall-irġiel li semmewh għal San Ġwann il-Battista. Wara kien inbena ieħor għan-nisa. L-ewwel kap ospitalier kien il-Benedittin Xmun minn Sirakuża (950-1035). Kemm dam kap ospitalier, (1008-1028), għaqqad l-infermiera u mexxihom fl-ispirtu ospitalier tal-Benedittini.

Ġara li, fl-1070, Ġerusalemm kienet waqgħet f'idejn it-Torok li ma qagħdux jaħsbuha biex juru l-istmerrija li kellhom għall-Insara. Il-pellegrini li bdew jaslu l-Ewropa wara qatigħ tbatijiet, megħjunin minn Pietru l-Eremita u Gwaltieli l-Fqir, bdew iħeġġu lill-Insara ħalli jaraw kif jeħilsu lil Ġerusalemm mit-Torok.

Ma' dawn ma naqasx li l-imperatur Biżantin, li wara li t-Torok daħlulu l-Anatolja, it-Turkija tal-lum, talab l-għajnuna tal-Papa. Kellu jkun Papa Franċiż, Urbanu t-Tieni, li f'pajjiżu, ħeġġeġ lill-Franċiżi, tant li l-Misilmin tal-Lvant li lill-kruċjati bdew isejħulhom l-Ifranġu, il-Franċiżi.

Il-Papa, l-ewwel laqqa' konċilju Pjaċenza, fl-1095, u wara ieħor Klermont, il-kapitali tal-Alvernja, f'nofs Franza, li xegħel lill-Franċiżi għall-kruċjata. Tant kellhom ħerqa Pietru l-Eremita u Gwaltieri l-Fqir għall-kruċjata li, fir-rebbigħa tal-1096, qabdu u telqu b'ruxxmata pellegrini għal Kostantinopli. Dawn imħeġġa qerduhom it-Torok malli rifsu l-Anatolja.

Fil-ħarifa, imbagħad telqu n-nies armati li waslu Kostantinopli bejn Novembru ta' dik is-sena u Mejju tas-sena ta' wara. Kienet biss il-ħerqa tal-pellegrini li ġiegħlet lill-kruċjati jibqgħu sejrin Ġerusalemm, immexxija mill-Konti Rajmondu ta' Toloża. Kif waslu assedjawha u ħaduha nhar il-15 ta' Lulju tal-1099.

Ħasra li kif daħlu qabdu u qatlu lil kull min sabu fiha. B'hekk qalgħu l-mibegħda dejjiema tal-Misilmin, li dinhom jamarhom: Għajn għal għajn u sinna għal sinna u jordna wkoll il-ġiħad, gwerra lil min jaħqarhom.

## 2. L-Ordni ta' San Ġwann

Fi żmien l-ewwel kruċjata, ir-rettur tal-Isptar kien Fra Pietru Gerard minn Martigues, il-Provenza, Franza. Tħajjar iwaqqaf lill-ospitalieri f'ordni reliġjuż bil-voti tas-soltu. Għalhekk talab lill-Papa Baskal it-Tieni li fl-1118 ħareġ bolla biex waqqfu. Libsu mantell iswed bħal tal-Benedittin.

Warajh laħaq Fra Zrajmondu du Puy li mal-ħsieb tal-morda tal-isptar riedhom ukoll jaqbdu l-armi ħalli jħarsu l-pellegrini mill-ħbit tal-Misilmin. Il-kavallieri għall-ġlied riedu jkunu nobbli. Fuq l-armatura kienu jilbsu libsa ħamra b'salib abjad, bħall-bandiera li kellha s-salib mimdud.

Il-kavallieri ġejjin mill-Ewropa Kattolika tqassmu fi tmien lingwi. Bħalma wieħed kien jistenna, la l-ewwel kruċjata kienet xogħol il-Franċiżi, l-ewwel lingwa kienet ta' Provenza, provinċja tmiss max-xtajta tal-Mediterran, li kellha lingwa għaliha.

It-tieni lingwa kienet tal-Alvernja, f'nofs Franza, li kienet tingħaraf mill-Franċiż tal-lum, għax flok oui għal iva kienu jgħidu oc, u għalhekk il-pajjiż tal-Alverni, madwar Klermont, kienu jafuh bħala l-Lingwadoka. Kienet it-tielet lingwa li kienet tissejjaħ ta' Franza, in-naħa ta' fuq tal-pajjiż, madwar Pariġi.

B. IL-LEĠĠENDA

Il-leġġenda tal-Madonna ta' Liesse l-ewwel li qrajtha kien fit-tielet ktieb tal-Ħrejjef, Leġġendi u Traduzzjonijiet Maltin, li kien ħareġ Aldo Farini fl-1936. L-awtur jgħid li mexa fuq ir-rakkont ta' Fra Karlu Micallef li ħareġ fl-1648. Jien imxejt fuq ir-rakkont ta' Ġakbu Bosio li ħareġ ktieb tal-Istorja tal-Ordni ta' San Ġwann fl-1621.

Ġara li meta t-Torok u warajhom il-kruċjati daħlu l-Palestina, l-ibliet tax-xtajta, fosthom Askalon, kienu baqgħu f'idejn il-kalifat tal-Kajr. Għalhekk, fl-1099, wara li l-kruċjati kienu ħadu lil Ġerusalemm, ma damux ma sabu ma' wiċċhom armata kbira Eġizzjana li ħaditha magħhom qrib Askalon. B'xorti tajba l-Insara ħarġu rebbieħa.

Imma mhux hekk ġara f'Awwissu tal-1134, meta l-Insara ħabtu għal Askalon u ħarġu telliefa. Fost il-kavallieri ta' San Ġwann li kienu waqgħu f'idejn il-kalif insibu tliet aħwa tal-familja d'Eppe, mill-kastell ta' Marxè, qrib Laon, il-Pikardja, provinċja fil-Majjistral ta' Franza, illum id-dipartament ta' Aisne.

L-ewwel ħaduhom Askalon minn fejn baqgħu sejrin bihom il-Kajr u kaxkruhom quddiem il-kalif, li ma naqasx li jeħodhom bil-ħlewwa, ħalli jħajjarhom jaqilbu Misilmin. Xħin ra li biż-żegħil ma wasalx dar għall-ħruxija u qabad u tefagħhom f'torri f'qiegħ ta' ħabs mudlam mimli dnewwa. Biex tagħqad irħiehom f'idejn Saraċin imqit li ma kienx jagħtihom ħlief naqra ħobż iebsa u qatra ilma tqażżek.

L-għada l-kalif ma naqasx li jibagħtilhom l-aqwa għorrief fil-Quran u l-Ħadit li kellu bit-tama li jirnexxilhom idawruhom, billi jdendlulhom it-tama li jdaħħluhom fizzjali fl-armata, imma baqgħu b'xiber imnieħer u kellhom imorru quddiemu bl-għalla mitbiela.

Il-kalif infexx jgħajjarhom tub u ġdur u, mgħaddab sew għalihom, urihom il-bieb. Hekk jgħidu li kienet għamlet ir-Reġina Eliżabbetta hi u tmut fl-art, fl-1603, meta l-kapurjuni tal-knisja Anglikana marru jsabbruha. Ma felħitx tarahom quddiemha u b'qilla u stmerrija kbira bdiet tgħidilhom li ma kinux ħlief qabda mtaten.

Berren minn hawn u berren minn hemm, fl-aħħar il-kalif ġieh f'moħħu x'kellu jagħmel, għax kif jgħidu, sargu xiħ tal-port jinqabad b'gamblu jinten. Qatagħha li jibagħtilhom lil bintu, Iżmerja. Bintu, barra li ma kinitx sajma mill-għerf u dehen u kienet imħarrġa sew f'dinha, kienet ukoll imżejna bi ġmiel liema bħalu. Wissieha biex tagħmel minn kollox biex tirbaħhom imqar jekk tassl biex titlef ġieħha.

Miskina, mhux talli m'għamlet xejn magħhom, imma waslu biex dawru lilha. Fost ħwejjeġ oħra l-iktar li nġibdet kienet lejn il-Madonna u talbithom xbieha tagħha. Xħin qalulha li huma ma kellhomx ħlief ta' fuqhom senduqhom, ġabitilhom biċċa zokk ta' siġra u l-iskriepel ħalli jnaqqxulha waħda.

L-aħwa tħawdu għax ħadd minnhom ma kien jinqala' għal xogħol bħal dak, imma ma qalulhiex le. Qabel xeħtuha jorqdu qabdu u talbu ħerqana lill-Madonna, imbagħad resqu lejn xulxin ħalli jisħnu u ma damx ma ħadhom in-ngħas. Il-Madonna ma damitx ma semgħethom għax ma' nofs il-lejl, l-anġli fost kant ħlejju u f'dawl jgħammex l-għajnejn, wasslulhom statwetta tal-Madonna bil-Bambin.

Il-kant u d-dija ma damux ma qajmu lit-tliet kavallieri li, barra li raw l-istatwetta tarmi d-dawl, minnha kienet ħierġa fwieħa li biddlet dak il-post minn mintna mudlama għal rokna tal-penna. Il-bqija tal-lejl l-aħwa għaddewh mixħuta għarrkupptejhom quddiem il-Madonna.

Kif mas-sebħ beda jinstama' l-muwezzin jidden, Iżmerja marret it-torri u kif feġġet fil-bieb tal-ħabs baqgħet mistagħġba b'dak id-dawl u b'dik il-fwieħa, imma fuq kollox b'dik l-istatwetta tat-tliet ħabsin mixħutin quddiemha. Ġarrbet ferħ bla qies, u nxteħtet għarrkupptejha mal-oħrajn u wegħditha li kienet se tħaddan id-din Nisrani.

It-tliet kavallieri malajr qablu li dik l-istatwetta jsemmuha l-Madonna ta' Liesse, li bil-Franċiż tfisser hena bla qies, qisek fis-seba' sema. Liesse tidher li ġejja mil-Latin *laetitia*. Ngħidu aħna lill-Madonna jgħidulha: *Causa nostra laetitia*, kont inti li hennejtna. Hekk ukoll lill-Madonna jgħidulha: *Tu laetitia Israel*, mill-Ktieb ta' Ġuditta (15, 9), int hennejt lil Izrael.

Ġara li mal-lejl lil Iżmerja, hi u toħlom dehritilha l-Madonna u qaltilha biex teħles lit-tliet ħabsin u titgħammed. Malli qamet u ġiet f'tagħha, qatgħetha li mhux biss tħarrabhom, imma taħrab magħhom. Għalhekk qabdet tiġbor kemm deheb u ġawhar kellha ma' kemxa flus, ħalli mal-lejl tbewweġ bihom mill-Kajr.

Malli dalam b'ruħ ommu u missieru telqet lejn it-torri, niżlet il-ħabs u ħarġithom. Għaddew mit-toroq tal-Kajr maħnuqa bin-nies qishom mhux huma. Sabu l-bibien tal-belt miftuħa u rħewlha lejn waħda mill-friegħi li jwasslu l-ilma tax-xmara Nil il-baħar. Hemmhekk sabu barklor li għaddiehom għan-naħa l-oħra bla kliem u bla sliem u għab.

Imxi u ġib lil min jimxi, sa fl-aħħar Iżmerja ma felħitx iktar u nxteħtet qalb il-ħxejjex li kien hemm. Staħbew kif setgħu sa ma waqa' d-dlam u raqdu. Oħroġ il-għaġeb qamu f'post li ma għarfux għax il-papir kien għab. B'xorti tajba għadda raħħal minn għalihom idoqq iż-żaqq u waqqfuh.

Staqsewh fejn kienu qegħdin bil-Għarbi. Hu qalilhom li jekk riedu xi ħaġa jkellmuh bil-Franċiż u mhux bil-brejku. Malli ntebħu li kienu Franza staqsewh f'liema naħa kienu. Hu qalilhom li kienu ħdejn il-kastell ta' Marxè, qrib Laon, il-Pikardja.

Issa f'dak il-kastell kien hemm ommhom mifnija bil-għali tagħhom. Għalhekk qatgħuha li jmorru s'hemm jagħtu ferħa kbira bla mistennija 'l ommhom. Imma kif qabdu jimxu l-istatwetta bdiet tqantar u tqalet tant li żammithom fejn kienu, sewwasew kif kien ġara lill-ġorf San Kristofru, hu u għaddej ix-xmara b'Ġesù tfajjel fuq spalltu.

B'hekk intebħu li l-Madonna ridithom iħalluha fejn kienet. Ma damitx ma telgħet knisja fil-post li biż-żmien kiber tant li sar raħal ġmielu li ssemma Liesse.

It-tliet kavallieri ma' Iżmerja wara li ħallew l-istatwetta fejn riedet toqgħod, irħewlha għall-kastell fejn kien hemm xeni ta' ferħ bla tarf u mbagħad lil Iżmerja ħaduha Laon ħalli jgħammidha l-isqof u semmewha kif kien xieraq Marija.

Il-mirakli ma naqsux għax il-fama tagħha xterdet tant li żaruh mhux biss in-nies, imma kienu jmorru hemm sas-slaten ta' Franza. Fis-sittax-il seklu, l-Ugonotti, eretiċi Franċiżi li mxew fuq it-tagħlim ta' Kalvinu, waslu biss biex lis-santwarju ħarbtuh. Xejn xejn l-istatwetta ma messewhiex. Waslu biss biex għamlu l-Anglikani li ħadu l-istatwa tal-Madonna ta' Walsingham minn Norfolk fejn kienet f'kunvent Agostinjan, Chelsea, Londra, u ħarquha hemm.

Ir-Rivoluzzjonarji Franċiżi, imma, qerdu s-santwarju biċċa biċċa. Bdew billi neħħew l-armi minn mal-ħitan u minn fuq l-oqbra, fl-1790. Imbagħad, fl-1792, daru għal kull ma kien ta' siwi, bħad-deheb, ħaġar prezzjuż u wegħdi tal-fidda. Is-sena ta' wara karkbru l-istatwi, kalċijiet u tiżjin bħad-damask. Fl-aħħarnett nes imxewxa, barra minn Liesse, daħlu fil-knisja, taw in-nar lill-istatwetta u ġabuha faħma.

C. IL-KULT TAL-MADONNA TA' LIESSE, MALTA

## 1. Il-Knisja

Il-knisja tal-Madonna ta' Liesse qiegħda x-Xatt tal-Belt, fit-Telgħa jgħidulha wkoll ta' Liesse, bejn il-Mina ta' Laskri u l-Bieb tax-Xatt li minnu tidħol il-Belt minn Triq il-Lvant. Bħalma l-knisja ta' Santa Katarina, il-Belt, kienet tasl-Lingwa tal-Italja u ta' San Ġakbu, Strada Merkanti, kienet tal-Lingwa ta' Kastilja, il-knisja ta' Liesse kienet tal-Lingwa ta' Franza, avolja l-berġa ta' din il-Lingwa kienet fi Triq in-Nofsinhar u saret ħerba bil-bombi ta' żmien il-gwerra.

L-ewwel knisja kien bnieha Fra Ġakbu Chenn de Bellay, il-Balì tal-Armenja. Il-kavallieri tal-Lingwa ta' Franza reġgħu bnewha fl-1740 u berikha l-Isqof Tumew Rull. L-aħħar isqof ta' żmien l-Ordni, Fra Vinċenz Labini, ikkonsagraha fl-1806, fi żmien l-Ingliżi.

Fl-agħar żmien tat-Tieni Assedju ta' Malta, li ħabat fis-sena 1942, laqtuha l-bombi u għamlulha qatigħ ħsara. Kellha tingħalaq sa ma ssewwiet il-ħsara u fetħuha mill-ġdid nhar il-21 ta' Frar tal-1952 u jumejn wara qaddes hemm l-Isqof Manwel Galea.



Il-knisja tal-lum, għalkemm żgħira, tgħidx x'faċċata għandha kollha lavur. Fuq ir-riħ tal-bieb, ġo gwarnic ovali b'kuruna fuqu hemm bassuriljiev tal-Madonna bil-Bambin f'idha. Iktar 'il fuq hemm żewġ anġli jżommu mant li jgħatti kollox. Dari, qabel il-gwerra, bejn il-bieb u bassuriljiev kien hemm tieqa mdaqqsa għad-dawl.

Tgħatti kollox, tieħu l-bejt kollu, hemm koppla baxxa li tista' tgħid tielgħa minn isfel. Quddiem, fuq il-ġenb, fuq il-lemin ta' min iħares, hemm kampnar li kien bnieh Franġisk Zammit, li ma jagħmilx għajb lill-faċċata. Ġewwa, bħal barra, mimli lavur.

## 2. L-Artali

Fuq l-artal maġġur hemm inkwatru li, kif kien jixraq lill-knisja ta' Lingwa Franċiża, pinġieh il-pittur Franċiż Nerik Arnaux, (1692-1764). Fuq hemm il-Madonna żżomm fuq sħaba lil Ġesù, tfajjel imfarfar, imdawra bl-anġli. Isfel hemm it-tliet kavalieri reqdin bil-qiegħda fl-art imgeddsin flimkien lebsin l-aħmar b'salib abjad kif naraw lil La Vallette fuq il-prexx tal-posta ta' Kastilja fl-Assedju l-Kbir. Dan l-ilbies fuq l-armatura, waqt xi taqbida, kien jagħżilhom mill-kavallieri Templari li kellhom il-libsa ta' fuq bajda b'salib aħmar.

Fil-ġenb, fuq ix-xellug ta' min iħares, hemm anġlu bl-istatwetta tal-Madonna bil-Bambin. Kif tgħidilna l-leġġenda, l-isfond imdawwal qisu l-ajru jħammar qabel is-sebħ.

Fuq l-artal tal-ġenb hemm żewġ inkwatri li kien pinġiehom Cassarino, pittur ta' żmien il-Grammastru Wignacourt, (1610-1622). Aktarx li kunjomu kien Cassar u laqqmuh Kassarinu għax kien qsajjar, billi f'awtoritratt, fl-inkwatru li hemm fil-knisja tal-Ħuġġieġa, San Pawl il-Baħar, jidher qisu nanu wara Wignacourt.

L-inkwatru ta' San Luiġi d-Disa', (1215-1270), jidher li kien xogħol tal-ewwel żmien manjerista tardiv tiegħu. Dan ir-re donnu kien twieled għall-kruċjati għax barra li kien mexxa waħda fil-Lvant, kien miet waqt oħra Tunes, aktarx bil-kolera li ħarbtet lill-kruċjati.

L-inkwatru ta' San Mawru l-Abbati qed ifejjaq tifel, fuq l-artal l-ieħor, bid-data 1623, jixhed l-istil ġdid Karavaġġesk ta' Cassarino. San Mawru, qaddis Benedittin, dixxiplu ta' San Benedittu li miet fis-sena 584, insibuh fi Knisja tal-kavallieri Franċiżi għax dan kien daħħal l-ordni Benedittini ġewwa Franza. Niftakru li l-ordni ta' San Ġwann kien ħareġ mill-Benedittini fl-ospizju ta' Ġerusalemm u li l-ewwel kruċjata kienet irnexxiet bis-saħħa tal-Franċiżi.

## 3. Il-Vari

Il-vara li hemm illum ħadimha bil-kartapesta l-Istatwarju Albert Micallef, fl-1981 u tawha dawra fl-2011. Fiha jidhru l-istess nies li kont nara jien fil-qadima mid-dar fuq ir-riħ tal-knisja, għaddejja minn fuq is-Sur ta' Santa Barbara, fil-festa. Biss l-istatwarju għamel ħafna tibdil 'l hawn u 'l hinn li jfisser ħafna.





Il-Madonna tal-ġdida qiegħda turi lil binha l-istatwetta f'idejn l-anġlu, filwaqt li Ġesù qed juri lill-kavallieri reqdin b'dirgħajh it-tnejn, meta fil-qadima, il-Madonna qed turih lill-ħabsin u Ġesù qiegħed iberikhom. L-anġlu ħdejn il-Madonna donnu għadu jasal mgħobbi, meta fil-qadima jidher wieqaf sew donnu ilu hemm. Dan jitwettaq mill-ġwienaħ li f'tal-lum, barra li huma ħafna iqsar, għadhom miftuħin. Hekk ukoll koxxtu barra donnha għadha kemm messet l-art.

Ġesù, barra li hu ikbar minn ta' qabel, mhux liebes il-qmejsa ta' tifel ta' dari, imma għandu naqra ta' perpru ma' qaddu. Fil-qadima it-tliet aħwa jidhru bil-qiegħda ħdejn xulxin ras ma' ras, imma f'tal-ġdida, dak li jidher ħuhom il-kbir, il-kavallier d'Eppe, qiegħed fin-nofs ogħla minnhom. L-oħrajn mixħuta bil-qiegħda fl-art qegħdin iserrħu rashom ma' ħuhom, donnhom iridu jgħidu li fih kienu jittamaw li għad jeħilsu.

C. IL-MILORD WILLIAM ENGLAND

Il-knisja ta' Liesse, mibnija x-Xatt tal-Belt, kienet tiġbed fiha n-nies tal-baħar u dawk li joqogħdu fl-inħawi. Il-baħħara għalhekk, lill-Madonna ta' Liesse ma damux ma bdew jitolbuha tħarishom fil-perikli tal-għedewwa u tal-maltemp fuq il-baħar. Turija ta' dan huma l-ħafna wiegħdi li Aldo Farini jgħid li kien hemm fil-knisja fil-ktieb li semmejt. Iżda li fost dawn,

l-aqwa kienet tal-konverżjoni tal-qonsru Ingliż, il-Milord William England, f'rakkont li sabu f'manuskritt il-biblijoteka tal-Belt.

Il-Milord England kien inħatar qonsru tal-Gvern Ingliż, Malta, fl-aħħar snin li għamlet l-Ordni ta' San Ġwann fostna. Bħalma wieħed kien jistenna minn qonsru li għalih jirrikorru il-baħrin u l-kaptana hekk kif jorbtu max-Xatt tal-Belt, dan aktarx kien xeħet l-ankri fil-qabda qrib ta' Liesse.

Għadu jasal frisk minn pajjiżu, meta sema' li l-Granmastru kellu jkun ta' Liesse għall-festa, ra li kienet ġiet ix-xoqqa f'moxtha biex inewwillu l-karti li kienu jixhdu l-ħatra tiegħu ta' qonsru, hemm. Għalhekk, kif il-Granmastru mal-gran kruċi u l-kavallieri l-oħra tal-Lingwa ta' Franza lebsin gala, intasbu hemm għall-festa, hu ra kif għamel u daħal f'dik ir-rassa li kien hemm ġo ħolqa ta' knisja.

Baqa' mistagħġeb b'dak il-kant u l-ġabra li ra hemm ġew li tant għoġbuh li kien baqa' ssummat iħares sa meta kien għadda kollox u wasal il-waqt li jersaq lejn il-Granmastru biex jgħaddilu l-karti tal-ħatra. Imma l-Granmastru b'ta' madwaru baqgħu mbikkma xħin wara li tah il-karti, żied qallu li ried isir Kattoliku.

D. IL-FESTA TA' DARI

L-Arċidjaknu Philip Calleja li twieled, trabba u qatta s-snin joqgħod fit-Taraġ ta' Ġieżu, jiftakar sew kif kienet il-ħajja x-Xatt tal-Belt qabel it-Tieni Assedju ta' Malta, meta n-nies ta' dawk l-inħawi kienu jinżlu bi ħġarhom hemm ħa jqattgħu sigħat sħaħ ta' mistrieħ wara nofsinhar u fl-għaxijiet tas-sajf.

Jgħid li x-Xatt kien l-aqwa suq tal-Belt. Il-pixkerija, barra li kien hemm il-ħut, li jaqbdu s-sajjieda Matin u Għawdxin, kien ikun hemm il-ħut li jġibu l-iskejjen Sqallin. Trid tara n-nisa għaddejja bil-kavetti mimlija ħut ħalli jbigħuh mat-toroq tal-ibliet u l-irħula.

Hemmhekk kienu jsorġu ukoll id-dgħajjes ta' Għawdex mimlija bil-ġid tal-gżira, bajd u ġbejniet, tiġieġ u fniek u frott u bettieħ fi żmienu, kif ukoll dak kollu li kien għal barra, bħal kemmun. Ma rridx inħalli barra t-tramiġġani ta' dawk li jbiegħu l-ilma żahar fosthom nannuwi.



Fi żmien il-gidien, imbagħad, kont tara lill-kompraturi Għawdxin niżlin b'xi erba' għewienaq tal-ewwel għall-kumpraturi Maltin li kienu jkunu hemm ix-Xatt jistennewhom. Wara ħafna tiġbid u tfesfis fil-widnejn, kienu jaslu ħalli jikkurdaw, jaqbduhom mill-ħannieqa u jeħduhom.

Hemm kien jorbot ukoll il-vapur ta' Tunes, iġib u jieħu l-Maltin għall-Afrika ta' Fuq. Billi tista' tgħid li kien hemm nies imsiefra minn kull dar, dal-vapur kien daħal fil-għana. Ommi kienet tgħanni:

Il-vapur ta' Tunes ħiereġ,
Kemm se jħalli qlub maqsuma;
Li kienet tiġrilu l-ħsara
Ħalli l-kaptan ireġgħu lura!

Kemm kienu jinżlu nies ix-Xatt dari huma xhieda il-ħafna ħwienet li kien hemm fin-Niżla ta' Ġieżu, it-Taraġ ta' Ġieżu u matul it-Triq tal-Lvant, fejn dawk il-ħwienet magħluqin jagħsrulek qalbek. Biss, nhar il-festa ta' Liesse, mhux biss in-nies kienet timla x-Xatt, imma wkoll is-swar li jagħtu għal fuqu.

L-arċidjaknu jsemmi s-Sur ta' Santa Luċija, jiġifieri ta' Santa Barbara, is-Sur ta' wara d-Dawra li minnha tgħaddi għas-Sur ta' Fuq l-Iljuni, jiġifieri fejn tiżbokka t-Triq San Kristofru, sa ħdejn il-Barrakka t'Isfel, kien jinħanaq bin-nies ħalli jaraw il-ġostra.

Il-ġostra llum għadha ssir San Ġiljan, Malta, u Għawdex issir ix-Xlendi, nhar il-Festa tal-Karmnu. Dari nhar ta' Liesse, li taħbat fit-tieni jum ta' Lulju, dari l-festa taż-Żjara tal-Madonna lil Santa Eliżabetta, li aħna konna nafuha bħala tal-Virtù, kienet issir il-ġostra, bl-arblu armat fuq barkun flok mill-art, bħalma jarmaw fix-Xlendi.

L-arblu jidilkuh ma' tulu bix-xaħam u jmejluh għall-baħar ħalli min jaqa' jispiċċa fih bla ma jweġġa'. Qabda żgħażagħ kienu jdumu tilgħin wieħed wara l-ieħor u jaqgħu l-baħar sa ma jneħħu dawk ix-xaħmijiet kollha. Sa fl-aħħar l-iktar wieħed stonkuż kien jirnexxilu jasal sat-tarf u jaqla' l-bandiera tperper maż-żiffa.

Waqt din ix-xenata, il-Banda ta' Indrì, kienet tipprova tinstama' bla ma jirnexxilha fost dak l-għajjat li kien ikun hemm. Għalhekk l-aħjar ħaġa kienet li tibda ddoqq mal-għana tal-folla:

Tal-Ġostra waqa' l-baħar,
Tal-imħar jaqbeż għalih,
Tal-Ġostra tela' jiġri,
Tal-imħar baqa' fil-qiegħ.